

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 278

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

22 ta' Settembru 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 278/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6058 – Bank of Scotland/Barclays Bank/KEW Green Hotels) ⁽¹⁾	1
2011/C 278/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6185 – Flabeg Holding/Schott Solar CPS) ⁽¹⁾	1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2011/C 278/03	Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2011 li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għal Malta	2
---------------	--	---

MT

Prezz:
EUR 3

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Pàgna
2011/C 278/04	Att tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2011 li jiddetermina l-grad u l-iskala fir-rigward tal-estensjoni tal-mandat ta' Viçi Direttur tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	3

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 278/05	Rata tal-kambju tal-euro	4
---------------	--------------------------------	---

Il-Qorti tal-Awdituri

2011/C 278/06	Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011 "L-appoġġ agroambjentali huwa mfassal u ġestit tajjeb?"	5
---------------	--	---

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

2011/C 278/07	Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni	6
2011/C 278/08	Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni	7
2011/C 278/09	Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni	8
2011/C 278/10	L-ebda għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE	9



II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.6058 – Bank of Scotland/Barclays Bank/KEW Green Hotels)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 278/01)

Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32011M6058. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.6185 – Flabeg Holding/Schott Solar CPS)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 278/02)

Fl-14 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32011M6185. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Settembru 2011

li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għal Malta

(2011/C 278/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' dawk nominati ppreżentati mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-22 ta' Novembru 2010 ⁽²⁾ u s-7 ta' Marzu 2011 ⁽³⁾ il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2013, bl-eċċezzjoni ta' ċerti Membri u membri supplenti.
- (2) Il-Gvern ta' Malta ppreżenta n-nomini għal żewġ pożizzjonijiet li jridu jimtew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu li jntemm fit-30 ta' Novembru 2013:

I. RAPPREŻENTANTI GOVERNATTIVI

Pajjiż	Membru	Membru Supplenti
Malta	Is-Sur Noel VELLA	Is-Sinjura Sylvia GAUCI

Artikolu 2

Il-Kunsill ser jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SAWICKI

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 322, 27.11.2010, p. 8.⁽³⁾ ĠU C 83, 17.3.2011, p. 4.

ATT TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Settembru 2011****li jiddetermina l-grad u l-iskala fir-rigward tal-estensjoni tal-mandat ta' Viċi Direttur tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)**

(2011/C 278/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att tiegħu tas-26 ta' Lulju 2010 li jestendi l-mandat tal-Viċi Direttur tal-Europol is-Sur Eugenio ORLANDI ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Pjan ta' Stabbiliment tal-Persunal tal-Europol għall-2010-2012 u b'mod partikolari l-punt 1.1(C) tiegħu u l-Pjan ta' Politika tal-Persunal tal-Europol 2011-2013 u b'mod partikolari t-Taqsima 1.2.1 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Is-Sur Eugenio ORLANDI li l-mandat tiegħu bħala Viċi Direttur tal-Europol ġie estiż mill-1 ta' Awwissu 2011 sal-31 ta' Lulju 2015, għandu jinħatar mill-1 ta' Awwissu 2011 fil-grad AD 13, skala 2.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

⁽¹⁾ ĠU C 206, 30.7.2010, p. 1.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-21 ta' Settembru 2011

(2011/C 278/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3636	AUD	Dollaru Awstraljan	1,3358
JPY	Yen Ġappuniż	104,07	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3594
DKK	Krona Daniża	7,4472	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,6249
GBP	Lira Sterlina	0,87310	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6643
SEK	Krona Żvediża	9,1170	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7417
CHF	Frank Żvizzeru	1,2208	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 586,92
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,8540
NOK	Krona Norveġiża	7,7570	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,6991
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,4885
CZK	Krona Ċeka	24,930	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 378,35
HUF	Forint Ungeriż	293,05	MYR	Ringgit Malażjan	4,2837
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	59,405
LVL	Lats Latvjan	0,7093	RUB	Rouble Russu	43,0350
PLN	Zloty Pollakk	4,4333	THB	Baht Tajlandiż	41,656
RON	Leu Rumun	4,3030	BRL	Real Brażiljan	2,4702
TRY	Lira Turka	2,4719	MXN	Peso Messikan	18,3200
			INR	Rupi Indjan	65,9030

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011 “L-appoġġ agroambjentali huwa mfassal u ġestit tajjeb?”

(2011/C 278/06)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinfirmak li r-Rapport Speċjali Nru 7/2008 “L-appoġġ agroambjentali huwa mfassal u ġestit tajjeb?” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mill-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://www.eca.europa.eu>

Verżjoni stampata tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Unità “Verifika: Il-Produzzjoni ta' Rapport”
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Posta elettronika: euraud@eca.europa.eu

jew billi timla formola ta' ordni elettronika fl-EU-Bookshop.

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni

(2011/C 278/07)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja ta' għajnuna mill-Istat:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:	id-9 ta' Frar 2011
Numru tal-każ:	69042
Numru tad-Deċiżjoni:	39/11/COL
Stat tal-EFTA:	in-Norveġja
Isem tal-benefiċjarju:	Finnfjord AS
Tip ta' miżura:	Għajnuna individwali skont l-Iskema tal-Fond għall-Enerġija, suġġett għal valutazzjoni ddetaljata skont il-Linji Gwida tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali
Skema:	L-Iskema tal-Fond għall-Enerġija ġiet approvata mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA permezz tad-Deċiżjoni Nru 125/06/COL fit-3 ta' Mejju 2006
Objettiv:	Il-Ħarsien Ambjentali
Forma ta' għajnuna:	Għotja
Ammont tal-għajnuna:	NOK 175 miljun
Setturi ekonomiċi:	Il-produzzjoni tal-elettriku
Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħmel l-għotja:	Enova SF Professor Borchsgt. 2 7030 Trondheim NORWAY

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet kull informazzjoni kunfidenzjali, huwa disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

<http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/>

Għajjnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni

(2011/C 278/08)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja dwar l-għajjnuna mill-Istat:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:	it-18 ta' Mejju 2011
Numru tal-każ:	69660
Numru tad-Deċiżjoni:	144/11/COL
Stat tal-EFTA:	In-Norveġja
Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju):	Skema għall-għotja ta' eżenzjoni temporanja lill-impriżi li jidħlu fi ftehim ambjentali mal-Istat dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-Nitroġenu ("NOx").
Bażi legali:	L-Artikolu 61(3)(c) taż-ŻEE, l-Artikolu 159(c) Linji Gwida dwar l-Għajjnuna Ambjentali
Tip ta' miżura:	Skema ta' għajjnuna
Objettiv:	Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-NOx
Forma ta' għajjnuna:	Eżenzjoni mit-taxxa
Baġit:	—
Tul ta' żmien:	Mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2017
Setturi ekonomiċi:	Setturi diversi
Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajjnuna:	Ministry of the Environment PO Box 8013 Dep. 0030 Oslo NORWAY

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet kull informazzjoni kunfidenzjali, huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

<http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/>

Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni

(2011/C 278/09)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura li ġejja dwar l-għajnuna mill-Istat:

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:	id-29 ta' Marzu 2011
Numru tal-każ:	68962
Numru tad-Deċiżjoni:	96/11/COL
Stat tal-EFTA:	In-Norveġja
Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju):	Notodden airport, Tuven
Bażi legali:	L-Artikolu 61(3)(c) u l-Kapitolu dwar l-iffinanzjar tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jtilqu minn ajruporti reġjonali fil-parti IV tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat
Tip ta' miżura:	Għajnuna individwali
Objettiv:	L-infrastruttura tal-ajruport
Forma ta' għajnuna:	Għotja
Baġit:	NOK 9 485 000
Setturi ekonomiċi:	Ajruport
Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:	Ministry of Transport and Communication PO Box 8010 Dep. 0030 Oslo NORWAY

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet kull informazzjoni kunfidenzjali, huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

<http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/>

L-ebda għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE

(2011/C 278/10)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tikkunsidra li l-miżura li ġeja ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:	1 Ġunju 2011
Numru tal-każ:	69131
Numru tad-Deċiżjoni:	177/11/COL
Stat tal-EFTA:	Il-Liechtenstein
Titolu:	Tnaqqis ta' taxxi fir-rigward ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IP Box)
Bażi ġuridika:	Att Nru 340/2010, l-Artikolu 55 u Att Nru 437/2010, l-Artikolu 33
Tip ta' miżura:	Skema
Objettiv:	Il-promozzjoni tar-riċerka u tal-iżvilupp
Forma tal-għajjnuna:	Tnaqqis ta' taxxi (mhux għajjnuna)
Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajjnuna:	Unità tal-Koordinazzjoni taż-ŻEE Europark Austrasse 79 9490 Vaduz LIECHTENSTEIN

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet kull informazzjoni kunfidenzjali, huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

<http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/>

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6373 – Sungwoo/Mitsubishi/Sungwoo CZ/Sungwoo SK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 278/11)

1. Fit-13 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Mitsubishi Corporation ("Mitsubishi", il-Ġappun) u Sungwoo Hitech Company Limited ("Sungwoo", il-Korea) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriżi Sungwoo Hitech s.r.o ("Sungwoo CZ", ir-Repubblika Ċeka) u ta' Sungwoo Hitech Slovakia s.r.o ("Sungwoo SK", is-Slovakkja) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Mitsubishi: attivitajiet ġenerali ta' kummerċ f'diversi industrij, inklużi l-enerġija, il-metalli, il-makkinarju, il-kimika, l-ikel u prodotti ġenerali,
 - għal Sungwoo: l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' elementi tal-metall u armar għall-industrija awtomobilistika,
 - għal Sungwoo CZ u Sungwoo SK: il-manifattura u l-forniment ta' elementi tal-azzar irrumblati ċatti għall-karozzerija ta' vetturi żgħar tal-passiġġieri.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6373 – Sungwoo/Mitsubishi/Sungwoo CZ/Sungwoo SK, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6330 – Ugitour/CDC/Sogecap/Real estate portfolio)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2011/C 278/12)

1. Fl-14 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-imprezi Ugitour, proprjetà tal-grupp AXA, Caisse des Dépôts et Consignations (CDC) u Sogecap, proprjetà tal-grupp Société Générale jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll komuni ta' sitt lukandi proprjetà tal-Groupe Foncière des Murs, permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-imprezi kkonċernati huma:

- Ugitour hija speċjalizzata fil-ġestjoni ta' proprjetà immobbli, fl-Ewropa u fil-bqija tad-dinja,
- Caisse des Dépôts et Consignations (CDC) huwa stabbiliment pubbliku Franċiż li jwettaq missjonijiet ta' interess ġenerali fuq naħa, u attivitajiet miftuħin għall-kompetizzjoni fuq oħra,
- Sogecap hija speċjalizzata fl-assikurazzjoni tal-ħajja u fil-kapitalizzazzjoni,
- Proprietà immobbli: il-proprjetà immobbli tikkonsisti minn sitt proprjetajiet li jintużaw prinċipalment bħala lukandi li minnhom erbgħa huma fi Franza u tnejn fil-Belġju. Dawn l-istabbilimenti huma użati mill-Grupp Accor taħt l-ismijiet Mercure u Ibis.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jstgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6330 – Ugitour/CDC/Sogecap/Real estate portfolio, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

V Awżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 278/11	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6373 – Sungwoo/Mitsubishi/Sungwoo CZ/Sungwoo SK) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾ 10
2011/C 278/12	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6330 – Ugitour/CDC/Sogecap/Real estate portfolio) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾ 11



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

